# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 604.01

## REGOLAMENTI DWAR IL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

31 ta' Diċembru, 2019

*L-AVVIŻ LEGALI 354 tal-2019.*

Taqsima I
DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar il-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati. Titolu.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati; Kap. 604.

"*Chairman*" tfisser iċ-*Chairman* tal-Awtorità tad-Djar;

"Panel ta' Arbitraġġ" tfisser il-Panel magħmul taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati; Kap. 604.

"ir-Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Panel ta' Arbitraġġ għal kirjiet residenzjali privati;

"Reġistru tal-atti" tfisser reġistru li fih l-atti li għandhom x'jaqsmu mal-aġġudikazzjonijiet huma rreġistrati mir-Reġistratur.

Taqsima II
IL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ

**3.** (1) Mal-ħatra, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ għandhom jieħdu l-ġurament tal-ħatra skont il-forma ta' hawn taħt: Ġurament tal-ħatra.

"Jiena ........................................ naħlef/niddikjara solonnement li naqdi d-dmirijiet tiegħi bħala arbitru b'onestà, b'imparzjalità, b'diliġenza, u mingħajr biża' jew favuri skont il-liġi.".

(2) Kopja tal-ġurament tal-ħatra taċ-*Chairperson* u l-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ għandha tiġi depożitata għand l-Avukat Ġenerali.

**4.** Mal-ħatra, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ għandhom jagħtu konferma li jaċċettaw il-ħatra tagħhom u jiddikjaraw l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Konferma tal-ħatra.

## Taqsima III
## IL-PROĊEDURA TA' AĠĠUDIKAZZJONI

Talba bil-miktub.

**5.** (1) It-talba għandha tkun bil-miktub u għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet;

(b) referenza għal kuntratt irreġistrat li minnu tqum il-kwistjoni;

(ċ) dikjarazzjoni tal-fatti li jsostnu t-talba;

(d) il-kwistjonijiet fil-mertu; u

(e) il-kumpens jew ir-rimedju li wieħed ikun qed ifittex li jikseb.

(2) Ir-rikorrent jista' jehmeż mat-talba bil-miktub tiegħu dawk id-dokumenti li jqis rilevanti jew jista' jżid referenza għad-dokumenti jew provi oħra li jkun bi ħsiebu jippreżenta.

Risposta tal-intimat.

**6.** Ir-risposta tal-intimat għandu jkun fiha risposta għall-partikolaritajiet (ċ), (d) u (e) tat-talba bil-miktub imsemmija fir-regolament 5. L-intimat jista' jehmeż mar-risposta tiegħu dawk id-dokumenti li jkun jistrieħ fuqhom għad-difiża tiegħu jew jista' jżid referenza għad-dokumenti jew kull prova oħra li jkun bi ħsiebu jġib.

Kontro-talba.

**7.** Il-kontro-talba jew talba li wieħed ikun qed jistrieħ fuqha bil-għan li jasal għal tpaċija għandu jkun fiha l-partikolaritajiet imsemmija fir-regolament 5(1).

Sottomissjoni ta' atti permezz tas-sistema *online*.

**8.** Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu talbiet, risposti u, jew kontro-talbiet quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ jistgħu jiġu ppreżentati *online*.

Responsabbiltà tar-Reġistratur u data meta l-atti jiġu meqjusa li ġew ippreżentati.

**9.** (1) Ir-Reġistratur jew persuni delegati minnu jistgħu jirċievu talbiet, risposti u, jew kontro-talbiet quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ ippreżentati b'mod elettroniku.

(2) Talbiet, risposti u, jew kontro-talbiet quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ ippreżentati b'mod elettroniku għandhom, għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqiesu bħallikieku ġew ippreżentati direttament fir-Reġistru tal-istess Panel ta' Arbitraġġ:

Kap. 12.

Iżda fejn talba, risposta u, jew kontro-talba quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ hija ppreżentata b'mod elettroniku barra l-ħinijiet tar-reġistru kif stabbilit bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak l-att għandu jitqies li jkun ġie ppreżentat fl-ewwel ġurnata li jmiss tal-ftuħ tal-istess Reġistru.

Posta reġistrata.

**10.** (1) Ir-Reġistratur jista' jinnotifika kull notifika jew

komunikazzjoni lir-rikorrent jew lill-intimat bil-posta reġistrata lil wieħed mill-indirizzi tal-persuni li għandhom jiġu notifikati.

(2) Meta l-ittra reġistrata ma tiġix aċċettata jew ma tkunx tista' xort'oħra tintbagħat f'dak l-indirizz għal xi raġuni li tkun, ir-Reġistratur jista' jippubblika avviż f'ġurnal lokali ta' kuljum li fih jiddikjara li d-dokument li għandha ssir il-kunsinna tiegħu jkun ġie depożitat fir-Reġistru u li dak id-dokument għandu jitqies bħal li jkun ġie riċevut mill-persuna indikata fl-avviż ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara d-data meta jkun ġie pubblikat dak l-avviż.

**11.** (1) Kull dokument li għandu jiġi notifikat lil parti oħra mir-Reġistratur jew minn parti oħra fl-aġġudikazzjoni, jista' jiġi notifikat bl-idejn lil dik il-parti minn uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità tad-Djar. Notifika bl-idejn.

(2) Meta jinnotifika xi att, l-uffiċjal jew l-impjegat irid jikkonferma bil-miktub:

(a) id-data u l-ħin tan-notifika;

(b) il-post tan-notifika; u

(ċ) id-dettalji tal-persuna li tkun ġiet notifikata u kif din il-persuna ġiet identifikata.

(3) Ir-Reġistratur jista' joħroġ linji gwida għan-notifiki ta' dawn l-atti.

**12.** Kull parti għandu jkollha l-oneru li tipprova l-fatti li qiegħed jiddependi fuqhom biex isostni t-talba jew id-difiża tiegħu. Oneru tal-prova.

**13.** Il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi fuq oġġezzjonijiet li huwa ma għandux ġuriżdizzjoni. Eċċezzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni tal-Panel ta' Arbitraġġ.

**14.** Il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jiddeċiedi liema dikjarazzjonijiet addizzjonali bil-miktub, flimkien mat-talba bil-miktub u r-risposta tal-intimat, għandhom ikunu meħtieġa mill-partijiet jew jistgħu jiġu preżentati minnhom u għandu jagħti ż-żmien li fih għandhom jiġu kkomunikati dawn id-dikjarazzjonijiet. Dikjarazzjoni addizzjonali bil-miktub.

**15.** Il-perjodi ta' żmien mogħtija mill-Panel ta' Arbitraġġ għal komunikazzjoni tal-istqarrijiet bil-miktub (inkluż it-talba bil-miktub u r-risposta tal-intimat) ma għandhomx jeċċedu ħamest (5) ijiem tax-xogħol. Perjodi ta' żmien.

Sotto-missjonijiet orali.

**16.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Att, fejn il-Panel ta' Arbitraġġ iqis li huwa meħtieġ li jisma' kwalunkwe sottomissjonijiet orali, il-provi tax-xhieda għandhom jinġiebu jew *viva voce* jew permezz ta' affidavit, u soġġetti għar-regolamenti rilevanti ta' din it-Taqsima, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kwalunkwe liġi oħra li tkun fis-seħħ f'Malta minn żmien għal żmien għandhom japplikaw għal mod ta' kif għandhom jinġiebu l-provi *viva voce* jew permezz ta' affidavit quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ hekk kif japplikaw għal mod kif jinġiebu l-provi quddiem qorti ta' ġuriżdizzjoni ċivili.

Kap. 12.

Provi.

**17.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 16, il-provi tax-xhieda quddiem Panel ta' Arbitraġġ għandha tinġieb jew *viva voca* jew permezz ta' affidavit, u soġġetta għar-regolamenti rilevanti ta' din il-Parti, ir-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kwalunkwe liġi oħra li tkun fis-seħħ f'Malta għandhom japplikaw għal mod kif għandhom jinġiebu l-provi *viva voce* jew permezz ta' affidavit quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ hekk kif japplikaw għal mod kif jinġiebu l-provi quddiem qorti ta' ġuriżdizzjoni ċivili.

Kap. 12.

(2) Fejn ix-xhieda ta' kwalunkwe persuna hija meħtieġa, ir-Reġistratur jista' joħroġ mandati ta' taħrik ta' xhieda sabiex iġiegħel l-attendenza ta' xhud biex jagħti xhieda jew jipproduċi dokumenti quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ. Ir-rikors tal-mandat ta' taħrik ta' xhieda għandu jiġi kontrofirmat miċ-*Chairperson* tal-Panel ta' Arbitraġġ u għandu jkun skont il-forma:

Iżda kwalunkwe rikors għal mandat ta' taħrik ta' xhieda quddiem il-*Panel* ta' Arbitraġġ għandu jindika li x-xhud għandu jidher quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ għal finijiet ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni u għandu jindika b'mod ċar l-indirizz tal-post fejn ix-xhud għandu jattendi u d-data u l-ħin tal-attendenza.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* meta għall-għanijiet ta' proċedimenti quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ, ikunu jenħtieġu li jinħarġu xi awtorizzazzjoni jew ittra rogatorja għar-rigward ta', jew ikun jenħtieġ affidavit minn, persuna li ma tkunx toqgħod fit-territorju li għandhom ġuriżdizzjoni fuqu l-qrati ta' Malta.

Smigħ tal-partijiet.

**18.** (1) F'każ ta' seduta fejn jinstemgħu l-partijiet jew xi xhieda, il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jagħti lill-partijiet avviż bil-quddiem sew dwar id-data, il-ħin u l-post fejn din tkun ser issir.

(2) Il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir it-traduzzjoni u traskrizzjoni ta' kull dikjarazzjoni verbali li ssir matul seduta u għal reġistrazzjoni tas-seduta jekk hi titqies meħtieġa mill-Panel ta' Arbitraġġ fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

(3) Kull seduta ssir *in camera*. Il-Panel ta' Arbitraġġ jista'

jeħtieġ li xi xhud jew xhieda joħorġu barra mill-kamra waqt is-smigħ ta' xhieda oħra. Il-Panel ta' Arbitraġġ huwa ħieles li jistabbilixxi l-mod li bih għandhom jiġu eżaminati x-xhieda.

Esperti.

**19.** (1) Fejn il-Panel ta' Arbitraġġ iqis li huwa meħtieġ li jittieħed parir espert, il-partijiet għandhom jagħtu lill-espert kull tagħrif rilevanti jew iġibu għall-ispezzjoni tiegħu kull dokument jew oġġett rilevanti li huwa jista' jkun jeħtieġ mingħandhom. Kull tilwima bejn xi parti u espert dwar ir-rilevanza tat-tagħrif meħtieġ għandha tiġi riferita lil Panel ta' Arbitraġġ għad-deċiżjoni tiegħu.

(2) Malli jirċievi r-rapport tal-espert, il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jwassal kopja tar-rapport lill-partijiet li jingħataw l-opportunità jesprimu, bil-miktub, il-fehma tagħhom dwar ir-rapport. Kull parti jkollha jedd teżamina kull dokument li l-espert ikun sejjes ir-rapport tiegħu fuqu.

Ġuramenti.

**20.** (1) Ir-Reġistratur u kwalunkwe membru tal-Panel ta' Arbitraġġ jistgħu jagħtu l-ġuramenti lill-persuni li jiġu msejħa biex jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ. Il-ġurament għandu jkun kif ġej:

"Jien naħlef/niddikjara solennement li ngħid il-verità, il-verità kollha u xejn anqas mill-verità.".

(2) Il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jitlob li dokumenti jew noti ppreżentati waqt il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni jkunu kkonfermati b'ġurament quddiem ir-Reġistratur kif ġej:

"Jiena naħlef/niddikjara solennement illi l-fatti hawn imniżżla (isem tad-dokument jew nota li qiegħed jiġi kkonfermat) huma vera.".

(3) F'każ li ma jkunx hemm din il-konferma, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' ma jagħtix każ id-dokument jew in-noti mhux ikkonfermati.

Nuqqasijiet.

**21.** (1) Jekk xi waħda mill-partijiet, debitament notifikata skont din it-Taqsima, li jkollha tidher waqt seduta tonqos milli tidher għaliha mingħajr ma tagħti raġuni valida biżżejjed għal dak in-nuqqas, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jimxi 'l quddiem bl-aġġudikazzjoni.

(2) Jekk waħda mill-partijiet, debitament mistiedna biex iġġib prova dokumentarja, tonqos milli tagħmel dan fiż-żmien lilha stabbilit, mingħajr ma tagħti raġuni valida biżżejjed għal dak in-nuqqas, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jgħaddi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemu.

Deċiżjonijiet.

**22.** (1) Kull deċiżjoni tal-Panel ta' Arbitraġġ għandha tittieħed minn maġġoranza tal-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ.

(2) F'każ ta' kwistjonijiet proċedurali, iċ-*Chairperson* tal-Panel ta' Arbitraġġ jista' jiddeċiedi waħdu.

Għamla tad-deċiżjoni temporanja, interlokutorja jew parzjali.

**23.** (1) Il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jagħti iktar minn deċiżjoni waħda fi żminijiet differenti dwar aspetti differenti ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi. Il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jagħti deċiżjoni li għandha x'taqsam ma':

(a) kwistjoni li taffettwa t-talba sħiħa, jew

(b) parti biss mit-talbiet jew il-kontro-talbiet sottomessi lilu għal deċiżjoni,

u jista' wkoll jagħti deċiżjonijiet temporanji u, jew interlokutorji.

(2) Id-deċiżjoni għandha tingħata bil-miktub.

(3) Il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jagħti r-raġunijiet li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuqhom:

Iżda f'każ ta' deċiżjonijiet interlokutorji dwar il-proċeduri tal-aġġudikament, ma għandhom jingħataw ebda raġunijiet.

(4) Deċiżjoni għandha tkun iffirmata mill-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ u għandu jkun fiha d-data meta u l-post fejn jitqies li tkun ingħatat id-deċiżjoni. Fejn wieħed mill-membri tal-Panel ta' Arbitraġġ jonqos milli jiffirma, id-deċiżjoni għandu jkun fiha r-raġuni għal dak in-nuqqas ta' firma.

(5) Id-deċiżjoni għandha ssir pubblika.

(6) Kopji tad-deċiżjoni ffirmati mill-Panel ta' Arbitraġġ għandhom jitwasslu lill-partijiet mir-Reġistru.

Spejjeż.

**24.** Il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jistabbillixxi l-ispejjeż tal-aġġudikazzjoni fid-deċiżjoni nnifisha. L-espressjoni "spejjeż" tinkludi biss:

(a) l-ispejjeż maħruġa għall-parir ta' esperti u ta' kull għajnuna oħra meħtieġa mill-Panel ta' Arbitraġġ;

(b) l-ispejjeż għal rappreżentanza u assistenza legali tal-parti li tirbaħ l-aġġudikament jekk dawk l-ispejjeż ikunu ntalbu matul il-proċedimenti tal-aġġudikament, u biss sa dak l-ammont li l-Panel ta' Arbitraġġ jistabbilixxi li jkun raġonevoli;

(ċ) kull dritt u spiża li jitħallsu lil Panel ta' Arbitraġġ.

Fil-prinċipju min jitlef iġarrab l-ispejjeż.

**25.** (1) Ħlief kif provdut fis-subregolament (2), l-ispejjeż tal-aġġudikament għandhom normalemnt jiġu mġarrba mill-parti li titlef. Madankollu, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jaqsam dawk l-ispejjeż bejn il-partijiet jekk dan jistabbilixxi li l-qsim ikun raġonevoli, wara li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(2) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tar-rappreżentanza u l-assistenza legali msemmija fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 24, il-Panel ta' Arbitraġġ, wara li jqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikun ħieles li jistabbilixxi liema parti jkollha ssofri dawk l-ispejjeż jew jista' jaqsam dawk l-ispejjeż bejn il-partijiet jekk dan jistabbilixxi li dak il-qsim ikun raġonevoli.

**26.** (1) Meta jitwaqqaf il-Panel ta' Arbitraġġ, jista' jitlob lil kull parti li tiddepożita għand l-Awtorità tad-Djar somma ndaqs bejniethom b'avvanz tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu (b) tar-regolament 24. Depożitu tal-ispejjeż.

(2) Filwaqt li jkunu għaddejjin il-proċedimenti tal-aġġudikazzjoni, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jitlob li jsir depożitu supplimentari mill-partijiet biex ikopri xi spejjeż oħra.

(3) Jekk id-depożiti meħtieġa ma jitħallsux għal kollox fi żmien ħamest (5) ijiem wara li tasal it-talba, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jordna lill-parti li tkun kontumaċja tħallas id-doppju tal-ammont.

(4) Wara li tkun ingħatat id-deċiżjoni, il-Panel ta' Arbitraġġ għandu jagħti rendikont lill-partijiet dwar id-depożiti li jkun irċieva u jrodd lura lill-partijiet kull bilanċ mhux minfuq li jista' jkun hemm.

**27.** Sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu xort'oħra, fi żmien tletin (30) jum mid-deċiżjoni tal-aġġudikament, ir-Reġistratur għandu jgħaddi d-dokumenti oriġinali kollha li jkunu ġew ippreżentati lill-Panel ta' Arbitraġġ biex jiġu mqiegħda fl-arkivji tal-Awtorità tad-Djar. *Records* tal-proċedimenti.

**28.** L-Awtorità tad-Djar għandha żżomm id-dokumenti kollha hekk ippreżentati f'xi proċedimenti għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tad-deċiżjoni. Wara l-imsemmi perjodu, dawn id-dokumenti jistgħu jiġu meqruda fid-diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar. Żamma tad-dokumenti.

---

## SKEDA
## Formoli

Formola 1: Avviż tat-Talba.

Formola 2: Risposta.

Formola 3: Risposta għal Kontro-Talba.

Formola 4: Avviż ta' Seduta.

Formola 5: Taħrika ta' Xhud.

Formola 6: Ordni ta' Skorta.

Formola 1

| | |
|---|---|
| REGISTRY FILE NUMBER | |
| LOCATION | |

**AVVIŻ TAT-TALBA**

FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

| | |
|---|---|
| MINN<br>Imla l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-persuni li qed jagħmlu t-talba | ATTUR |
| LIL<br>Imla l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-persuni li kontrihom qed issir t-talba | KONVENUT |

| AVVIŻ LILL-PARTI LI KONTRIHA QED ISSIR IT-TALBA |
|---|
| Kull min jiġi notifikat b'dan l-avviż tat-talba għandu fi żmien 10 ijiem mill-jum tan-notifika jippreżenta risposta. Jekk jonqos milli jagħmel dan, il-Panel ta' Arbitraġġ jista' jgħaddi biex jiddeċiedi t-tilwima wkoll jekk tkun assenti |

Persunal tal-Panel ta' Arbitraġġ għandu jimla din it-taqsima

| GĦAL UŻU UFFIĊJALI BISS | |
|---|---|
| AMMONT MITLUB | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| TOTAL | € |

DETTALJI DWAR IT-TALBA

| | | | |
|---|---|---|---|
| FEJN?<br>Għid fejn dan ġara | | META?<br>Għid meta dan ġara | |
| KEMM?<br>Għid kemm hu l-ammont mitlub mill-intimat | € | | |

| | |
|---|---|
| STADJU 1<br>IMLA L-AVVIŻ TAT-TALBA billi tuża *typewriter* jew tikteb ċar. Ara li kull kopja tkun tinqara sew.<br><br>STADJU 2<br>IPPREŻENTA L-AVVIŻ TAT-TALBA billi tmur biha fir-Reġistru tal-Panel ta' Arbitraġġ. Trid tħallas dritt tal-preżentata, li jiddependi mill-ammont li qiegħed titlob u dritt tan-notifika. Il-persunal jivverifika l-formola u meta din tintlaqa' biex tiġi preżentata, huma jittimbrawha, iniżżlu fuqha drittijiet tal-preżentata u tan-notifika u jagħtuha numru tal-*file*. Ir-Reġistratur mbagħad jgħaddi biex jinnotifika f'ismek lill-intimat b'kopja tal-Avviż tat-Talba.<br><br>STADJU 3<br>X'SE JIĠRI WARA<br>Jekk il-konvenut jippreżenta risposta, int tiġi notifikat b'kopja ta' dik ir-risposta. | MINN<br>Kun żgur li l-indirizz tiegħek hu tajjeb għaliex ikun f'dak l-indirizz li r-Reġistru għad jibgħatlek kull avviż jew tagħrif ieħor. Jekk int tibdel l-indirizz tiegħek f'xi żmien, jekk jogħġbok avża lir-Reġistru b'dan minnufih.<br><br>LIL<br>Kun żgur li l-indirizz tal-konvenut huwa tajjeb. Jekk hemm iktar minn konvenut wieħed niżżel l-ismijiet ta' kull konvenut (ħdejn xulxin) fl-ispazju provdut. F'dak il-każ però kun żgur li t-talba titnissel mill-istess operazzjoni.<br><br>X'ĠARA?<br>M'hemmx għalfejn toqgħod tgħid kollox dwar il-każ hawnhekk. Għandek kemm tgħid biżżejjed sabiex tħalli lill-konvenut ikun jaf x'inhu sewwa sew il-każ tiegħek. żomm il-ġrajja tiegħek fil-qosor. Għad ikollok kull opportunità li tippreżenta l-fatti kollha waqt is-seduta.<br><br>FEJN?<br>Avviż tat-Talba għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Panel ta' Arbitraġġ fejn l-operazzjoni, li għaliha tkun tirriferi t-talba, tkun seħħet.<br><br>KEMM?<br>Hawnhekk trid tiddikjara l-ammont ta' flus tat-talba tiegħek. Dan l-ammont m'għandux ikun aktar minn ħamest elef euro (€5,000). |

DETTALJI DWAR IT-TALBA - tkompli

| | |
|---|---|
| ELENKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI | Isem u indirizz tal-persuni li bi ħsiebek tħarrek bħala xhieda |

| | | |
|---|---|---|
| X'ĠARA? | EHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED | |
| Għid x'qed titlob, billi tiddikjara fil-qosor il-fatti li wasslu għat-tilwima | | |
| | firma tal-attur | data |

| | |
|---|---|
| REGISTRY FILE NUMBER | |
| LOCATION | |

Formola 2

**RISPOSTA**

FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

| | |
|---|---|
| LIL<br>Ikteb l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-persuna li qed tagħmel it-talba kontra tiegħek | ATTUR |

| | |
|---|---|
| MINN<br>Ikteb l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-intimat li qed jagħmel din ir-risposta | KONVENUT |

| AVVIŻ LILL-KONVENUT |
|---|
| Jekk flimkien mar-risposta tiegħek trid tagħmel kontro-talba għandek timla dik il-parti ta' din il-formola li tissejjaħ "Risposta b'Kontro-Talba". |

| META L-KONVENUT HUWA TAL-FEHMA LI XI ĦADD IEĦOR GĦANDU JĦALLAS IT-TALBA |
|---|
| Jekk inti taħseb li xi ħadd ieħor għandu jħallas it-talba, sew kollha kemm hi sew parti minnha, inti għandek tindika min hi dik il-persuna u tinnotifikaha b'kopja tat-talba magħmula kontrik, ir-risposta tiegħek, l-avviż lil terza persuna u formola vojta ta' risposta. |

Il-persunal tal-Panel ta' Arbitraġġ jimlew din it-taqsima

*Ammont mitlub japplika biss meta bħala konvenut int tkun qed tagħmel ukoll kontro-talba flimkien ma' din ir-risposta.

| GĦAL UŻU UFFIĊJALI BISS | |
|---|---|
| AMMONT MITLUB* | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| TOTAL | € |

| | |
|---|---|
| STADJU 1 | MINN |
| IMLA R-RISPOSTA billi tuża *typewriter* jew tikteb ċar. Ara li kull kopja tinqara sew. | Dan hu l-ispazju fejn int tidentifika lill-parti li qegħda tippreżenta din ir-Risposta. Agħti indirizz fejn kull avviż jew tagħrif ieħor dwar it-tilwima jkun jista' jintbagħtlek. Jekk int tibdel l-indirizz tiegħek f'xi żmien, ara li tgħarraf b'dan lir-Reġistratur tal-Panel ta' Arbitraġġ. |
| STADJU 2 | |
| IPPREŻENTA R-RISPOSTA billi tmur biha għand il-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati fejn l-AVVIŻ TAT-TALBA li sar kontrik kien ġie preżentat. Il-persunal jivverifika l-formola u jekk tkun mimlija sew, din tintlaqa' sabiex tiġi preżentata fi żmien 10 ijiem minn meta tiġi notifikat bl-AVVIŻ TAT-TALBA. | TILWIMA<br>M'hemmx għalfejn toqgħod tgħid kollox dwar il-każ hawnhekk. Għandek kemm tgħid biżżejjed sabiex tindika lill-attur u lill-Panel ta' Arbitraġġ liema partijiet tat-talba tkun qiegħed tikkontesta u għaliex. Jekk ikun hemm xi haġa fl-Avviż tat-Talba li int taqbel magħha, ara li din tiġi inkluża fir-risposta tiegħek. |
| STADJU 3 | KONTRO-TALBA |
| Meta l-konvenut jaħseb li xi ħadd ieħor għandu jħallas it-talba huwa għandu jimla dik il-parti tal-formola li tikkonċerna terza persuna. | Jekk trid tagħmel kontro-talba li tfisser talba kontra r-rikorrent, inti flimkien mar-risposta tiegħek għandek ukoll timla Avviż tat-Talba billi timxi skont id-direzzjonijiet li hemm fuq dik il-formola. Sabiex tkun tista' tagħmel kontro-talba, it-talba tiegħek stess irid ikollha x'taqsam ma' jew tkun tirrigwarda t-talba li r-rikorrent ikun għamel kontrik. |

DETTALJI DWAR IR-RISPOSTA TIEGĦEK

| | |
|---|---|
| ELENKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI | Isem u indirizz ta' kull min bi ħsiebek tħarrek bħala xhud |

| | | |
|---|---|---|
| TILWIMA | EHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED | |
| Għid jekk intix qed tikkontesta t-talba li qed issir kontrik. Jekk dan hu l-każ spjega x'ma taqbilx miegħu u għaliex | | |
| | Firma tal-konvenut | data |

RISPOSTA B'KONTRO-TALBA

Jekk il-konvenut jixtieq jagħmel kontro-talba huwa għandu jimla din il-parti.

| FEJN? | | META? | |
|---|---|---|---|
| Għid x'ġara | | Għid meta ġrat | |

KEMM?

| | |
|---|---|
| Għid kemm hu l-ammont li qed titlob mill-attur | € |

DETTALJI DWAR IL-KONTRO-TALBA

| | |
|---|---|
| ELENKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI | Isem u indirizz ta' kull min bi ħsiebek tħarrek bħala xhud |
| TILWIMA | Ehmeż iktar karti jekk dan l-ispazju mhuwiex biżżejjed |
| Għid jekk intix qed tikkonesta it-talba li qed issir kontrik. Jekk dan hu l-każ, spjega x'ma taqbilx miegħu u għaliex | |
| | Firma tal-konvenut / Data |

| |
|---|
| REGISTRY FILE NUMBER |
| LOCATION |

Formola 3

**RISPOSTA GĦAL KONTRO-TALBA**

FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

Lil

Ikteb l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-persuna li qed tagħmel it-talba kontra tiegħek

ATTUR

MINN

Ikteb l-isem, indirizz u numru tat-telefon tal-konvenut li qed jagħmel din il-kontro-talba

KONVENUT

Ir-risposta tiegħi għall-kontro-talba tiegħek hija

Agħti raġunijiet

Il-persunal tal-Panel ta' Arbitraġġ jimlew din it-taqsima

| | |
|---|---|
| GĦAL UŻU UFFIĊJALI BISS | |
| AMMONT MITLUB | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| TOTAL | € |

| | |
|---|---|
| STADJU 1 | MINN |
| IMLA R-RISPOSTA GĦALL-KONTRO-TALBA billi tuża *typewriter* jew tikteb ċar. Ara li kull kopja tinqara sew. | Dan hu l-ispazju fejn int tidentifika lill-parti li qegħda tippreżenta din ir-Risposta. Agħti indirizz fejn kull avviż jew tagħrif ieħor dwar it-tilwima jkun jista' jintbagħtlek. Jekk int tibdel l-indirizz tiegħek f'xi żmien, ara li tgħarraf b'dan lir-Reġistratur tal-Panel ta' Arbitraġġ. |
| STADJU 2 | |
| IPPREŻENTA R-RISPOSTA GĦALL-KONTRO-TALBA billi tmur biha għand il-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati fejn inti ppreżentajt it-talba tiegħek. Il-persunal jivverifika l-formola u jekk tkun mimlija sew, din tintlaqa' sabiex tiġi preżentata fi żmien 10 ijiem minn meta tiġi notifikat bil-kontro-talba. | TILWIMA<br>M'hemmx għalfejn toqgħod tgħid kollox dwar il-każ hawnhekk. |

DETTALJI DWAR IR-RISPOSTA GĦALL-KONTRO-TALBA

| | |
|---|---|
| ELENKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI | Isem u indirizz ta' kull min bi ħsiebek tħarrek bħala xhieda |

| | |
|---|---|
| TILWIMA | EHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED |
| Għid jekk intix qed tikkontesta t-talba li qed issir kontrik. Jekk dan hu l-każ spjega x'ma taqbilx miegħu u għaliex | |
| | Firma tal-konvenut / data |

| |
|---|
| REGISTRY FILE NUMBER |
| LOCATION |

Formola 4

**AVVIŻ TA' SEDUTA**

FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

LIL

| |
|---|
| ATTUR |

U

| |
|---|
| KONVENUT |

Tinsabu mgħarrfa li s-seduta li tirrigwarda t-tilwima tagħkom għandha ssir quddiem l-aġġudikatur tal-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati:

fi

| | |
|---|---|
| data | ħin |

fi

| |
|---|
| indirizz fejn tkun se ssir is-seduta |

| | |
|---|---|
| Firma tar-Reġistratur tal-Panel ta' Arbitraġġ | data |

| AVVIŻ TA' SEDUTA |
|---|
| ATTENDI għas-seduta mill-anqas għaxar minuti qabel il-ħin stabbilit. |
| Kun żgur li tkun imħejji sew, billi din se tkun l-unika opportunità li se jkollok biex iġġib il-każ u l-provi tiegħek quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ. |
| FTAKAR f'dawn l-affarijiet |
| 1) ĠIB id-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ bħal ma huma riċevuti, korrispondenza jew kull ftehim. |
| 2) KUN ŻGUR li kull xhud li teħtieġ ix-xiehda tiegħu għandu jasal kmieni. Jekk xhud ma jkunx lest li jattendi minn jeddu, għaldaqstant għandek tirrikorri quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ sabiex joħroġ Taħrika ta' Xhud (Formola 7). It-taħrika hija ordni tal-Panel ta' Arbitraġġ li tordnalu jattendi għas-seduta. |
| 3) ĦEJJI dak kollu li tkun ser tgħid minn qabel. Irrevedi l-fatti kollha f'ordni kronoloġiku, ħaġa wara l-oħra. Waqt is-seduta tista' tħares lejn xi notamenti li tkun ħejjejt minn qabel. |

Formola 5

| |
|---|
| REGISTRY FILE NUMBER |
| LOCATION |

**TAĦRIKA TA' XHUD**
FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

Fil-każ bejn:

| | |
|---|---|
| Imla l-ismijiet tal-partijiet fit-tilwima billi tara l-Avviż tat-Talba | ATTUR |
| | U |
| | KONVENUT |

| | |
|---|---|
| LIL<br>Imla l-isem u l-indirizz ta' min trid jattendi quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ | XHUD |
| Isem il-parti li teħtieġ lix-xhud | RIKORRENT |

META U FEJN

Ix-xhud huwa meħtieġ li jattendi quddiem il-Panel ta' Arbitraġġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Imla l-post, il-jum u l-ħin tas-seduta | fi | data | fi | ħin |
| | fi | indirizz sħiħ ta' fejn xhud għandu jattendi | | |

GĦAL LIEMA RAĠUNI QED JITĦARREK IX-XHUD

| | |
|---|---|
| Għid fil-qosor lix-xhud tiegħek għaliex teħtieġ ix-xiehda | |

Ix-xhud hu meħtieġ iġib dawn id-dokumenti u affarijiet oħra

| | |
|---|---|
| Jekk trid ix-xhud iġib xi dokumenti jew affarijiet oħra fis-seduta niżżilhom hawn | |

| | | |
|---|---|---|
| Iffirma u niżżel id-data tat-taħrika tiegħek | Firma ta' min jitlob it-taħrika | Data |

| | |
|---|---|
| Din il-parti timtela mill-Panel ta' Arbitraġġ | Għal użu uffiċjali biss |
| | DIGRIET TAL-AĠĠUDIKATUR |
| | Wara li kkunsidrajt din it-talba għal taħrika ta' xhud, qiegħed b'dan nawtorizza l-ħruġ ta' din it-taħrika u nordna lix-xhud jidher fil-post, jum u ħin kif mistenni qabel u sabiex iġib kull dokument jew ħaġa oħra meħtieġa f'din it-taħrika |
| | Firma tal-Aġġudikatur Data |

AVVIŻ LIX-XHUD

Ġaladarba waslitlek taħrika ta' xhud hekk kif debitament awtorizzata mil-Panel ta' Arbitraġġ, inti għandek għaldaqstant tattendi għas-seduta tal-Panel ta' Arbitraġġ fil-ħin u post imsemmija f'din it-taħrika u għandek iġġib miegħek kull dokument jew ħaġa oħra minnek meħtieġa fit-taħrika.

TAĦRIKA TA' XHUD

M'għandekx għalfejn titlob lil-Panel ta' Arbitraġġ joħroġ Taħrika ta' Xhud kemm-il darba x-xhud tiegħek hu lest li jattendi minn jeddu.

IMLA t-Taħrika ta' xhud billi timxi skont id-direttivi mogħtija fuq il-formola. Ara li tikteb b'idek jew *typewriter* b'mod ċar u li l-kopji kollha jkunu jinqraw sew.

IPPREŻENTA t-Taħrika ta' xhud billi twassalha fir-Reġistru tal-Panel ta' Arbitraġġ. Il-persunal mbagħad jivverifika jekk il-formola tkunx imtliet sew. Wara jittimbrawha u jgħaddu biex jinnotifikawha. Jekk tkun trid lix-xhud iġib xi dokumenti speċifiċi (bħal fatturi) ara li tniżżilhom waħda wara l-oħra fit-taħrika.

FTAKAR li għandek tippreżenta t-taħrika żmien qabel il-jum tas-seduta meta tkun trid lix-xhud li jattendi. Jekk xhud li jkun ġie debitament notifikat bit-taħrika jonqos milli jattendi, l-Aġġudikatur jista' mbagħad joħroġ Ordni ta' Skorta kontrih.

| Formola 6 | REGISTRY FILE NUMBER |
|---|---|
| | LOCATION |

**ORDNI TA' SKORTA**

FIL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

Fil-każ bejn:

| |
|---|
| ATTUR |

U

| |
|---|
| RIKORRENT |

LIL

| |
|---|
| Uffiċjal esekutur tal-ordni ta' arrest |

Billi x-xhud

| |
|---|
| ........................................................................ ................. |
| ........................................................................ ................. |
| ........................................................................ ................. |
| isem sħiħ u indirizz tax-xhud |

kien ġie notifikat b'Taħrika ta' Xhud fis-seduta ta' din it-talba u dak ix-xhud naqas milli jobdi t-taħrika, u ninsab sodisfatt li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa għall-għanijiet ta' din it-talba,

INT GĦALDAQSTANT ORDNAT LI TWASSAL BI SKORTA U ĠĠIB LIX-XHUD QUDDIEM IL-PANEL TA' ARBITRAĠĠ

fi

| | |
|---|---|
| data | ħin |

fi

| |
|---|
| indirizz fejn ikollha ssir is-seduta |

| | |
|---|---|
| Firma tal-Aġġudikatur | Data |